

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2017/1395

tas-26 ta' Lulju 2017

li taħtar żewġ membri fil-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti stabbilit permezz tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jipprevedi li ż-żewġ tipi ta' entità, bħala kundizzjoni tar-reġistrazzjoni tagħhom, iridu josservaw, kemm fil-programmi kif ukoll fl-attivitàjiet tagħhom, il-valuri li fuqhom hija ffondata l-Unjoni, kif espressi fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiġifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;
- (2) Meta jqumu dubji dwar jekk partit jew fondazzjoni humiex qed josservaw dan ir-rekwiżit fil-prattika, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jippreżentaw talba lill-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej biex tivverifika s-sitwazzjoni;
- (3) Qabel jaslu għal deċiżjoni dwar jekk il-partit jew il-fondazzjoni jinqatgħux mir-reġistru, l-Awtorità għandha tikkonsulta l-Kumitat ta' persuni eminenti indipendenti, li għandu jagħti opinjoni fi żmien xahrejn;
- (4) Il-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti ġie stabbilit permezz tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE, EURATOM) Nru 1141/2014;
- (5) L-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE, EURATOM) Nru 1141/2014 jipprevedi li dan il-Kumitat għandu jkun magħmul minn sitt membri, fejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaħtru żewġ membri kull wieħed.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Is-segwenti huma b'dan maħturin membri tal-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti għat-tul tal-mandat tal-kumitat:

— Meglena KUNEVA

— António VITORINO.

2. Il-ħatra hija soġġetta għall-iffirmar, minn kull membru nnominat, tad-dikjarazzjoni ta' indipendenza u n-nuqqas ta' konflitt ta' interessi li hija annessa ma' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 317, 4.11.2014, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

DIKJARAZZJONI TA' INDIPENDENZA U NUQQAS TA' KONFLITT TA' INTERESSI

Jiena, is-sottoskritt,, niddikjara li ħadt nota tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u se neżerċita dmirijeti bħala membru tal-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti b'mod kompletament indipendenti u f'konformità totali mar-regoli ta' dak ir-Regolament. La se nitlob u lanqas se nieħu struzzjonijiet minn xi istituzzjoni jew gvern, jew minn xi entità, uffiċċju jew aġenzija oħra. Jien se nastjeni minn kwalunkwe att li huwa inkompatibbli man-natura ta' dmirijeti. Niddikjara li, sa fejn naf jien, ma ninsabx f'sitwazzjoni ta' konflitt ta' interessi. Jeżisti konflitt ta' interessi fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv ta' dmirijeti bħala membru tal-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti jkun compromess minħabba raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja personali, l-affinità politika, nazzjonali, filosofika jew reliġjuża, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess ieħor kondiviż ma' riċevitur potenzjali. B'mod partikolari, niddikjara li m'iniex membru tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni. Ma għandi l-ebda mandat elettoral. M'iniex uffiċjal jew impjegat ieħor tal-Unjoni Ewropea. M'iniex, u qatt ma kont, impjegat ta' xi partit politiku Ewropew jew ta' xi fondazzjoni politika Ewropea.

Magħmul fi ...,

[DATA + FIRMA tal-membru nominat għall-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti]
